MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Numru 94/2009

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

vs

Christopher Shepherd

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 19870G, akkuzat talli:

1. gewwa Birkirkara fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Jannar 2009, ikkommetta serq ta’ flus kontanti fost oggetti ohra minn gewwa l-kazin tal-Partit Nazzjonalista li jinsab fi Triq Fleur-De-Lys Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u valur li jeccedi 2,329.37 Ewro, u dan sar ghad-dannu ta’ Godfrey Gambin u/jew persuni ohra;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi 116.47 Ewro u dan sar ghad-dannu ta’ l-imsemmi Godfrey Gambin u/jew persuni ohra;
3. gewwa l-Hamrun nhar it-13 ta’ Jannar 2009 ghal habta tat-3:00 ta’ filghodu kkommetta serq ta’ 1,240 Ewro billi ghamel uzu illecitu minn credit cards li gew misruqa mill-istess kazin tal-Partit Nazzjonalista, liema serq huwa kkalifikat bil-mezz, hin u valur u dan sar ghad-dannu ta’ l-imsemmi Godfrey Gambin u/jew persuni ohra;
4. sar recediv ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 b’diversi sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell u tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom baghat lill-akkuzat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti dwar il-htija jew in-nuqqas ta’ htija tal-akkuzat;

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-akkuzat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-akkuzat qieghed mixli b’serq aggravat bil-mezz, valur u hin, ta’ hsara volontarja li ma tiskorriex €1,165, li huwa recidiv.

Ghal dawn l-akkuzi l-akkuzat irregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 325(1)(b), 49, 50, 17 u 31.

Tikkundannah tlettax-il xahar prigunerija u tordna li jirristitwixxi lid-derubat is-somma ta’ €640 zmien sitt xhur li jkun skonta l-piena ta’ prigunerija.

Dwar l-ispejjez inkorsi fil-proceduri dawn ghandhom jibqghu kollha ghall-inkarigu tal-akkuzat fit-terminu tal-Artikolu 533 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------